MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Numru. 359/2014

**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**STEPHEN FRANCIS GALLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Stephen Francis Galli ta' 50 sena, bin Servilio u Carmen nee' Ellul, mwieled nhar it-22 ta' awwissu 1964 l- Amerika, bla indirizz fis u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 191009L;

Talli;

1) F' dawn il- Gzejjer fis- 16 ta' Frar 2014 f' xi hin bejn is- 1.00pm u l-3.45pm minn gewwa vettura tal- ghamla BMW, numru ta' registrazzjoni GBM 532, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' handbag li kellu diversi oggetti fih, ghad- detriment ta' Pamela Baldacchino u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema ser huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix €2,329.37 u bix- xorta tal-haga misruqa;

2) Aktar talli f' dawn il- Gzejjer fl- istess data u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li kien instab hai ta' reati b'diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta liam sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

3) Aktar talli f' dawn il- Gzejjer fl- istess data, u cirkostanzi, ghamel reat iehor fil- perjodu operattiv ta' sentenza sospiza;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 281, 267, 271, 49, 50, 289, 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' disa' (9) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------